ĦAL KIRKOP

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

## Id-Disa' LEĠISLATURA

# Laqgħa Nru. 12/2020/09

**Data tal-laqgħa:** 18 ta' Marzu, 2020

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 31, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop, fit-16:10hrs.

## Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| Terence Agius | ***Kunsillier*** | |
| Joseph Schembri | ***Kunsillier*** | (permezz ta' *Confra Call*) |
| John Luke Cassar | ***Kunsillier*** | |
| Ritienne Caruana | ***Kunsillier*** | (permezz ta' *Confra Call*) |
| Cody Galea | ***Kunsillier*** | |
| Francesca Tabone | ***Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ*** | |

## Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Antonia Demicoli | ***Segretarju Eżekuttiv*** |

# MINUTI

Is-Sindku Terence Agius ippreseda l-laqgħa.

## 12.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

12.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji x'jinqraw, minħabba li l-Kunsilliera kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa.

12.1.2 Minħabba l-imxija tal-Covid-19, il-Viċi Sindku Joseph Schembri u l-Kunsilliera Ritienne Caruana kienu parti minn din il-laqgħa permezz ta' *Confra Call*.

12.1.3 Dan sar bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha.

## 12.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 10

12.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 10 li kienu meqjusa moqrija.

12.2.2 Il-Kunsillier Cody Galea qal li xtaq jiċċara li apparti li kien tkellem dwar il-Bus Stop fi Triq ir-Ramlija li kellu jersaq, minuta 10.4.8, huwa kien staqsa ukoll dwar jekk kienx hemm *feedback* fuq il-Bus Stop li l-Kunsill kien talab biex issir fl-istess triq fid-direzzjoni opposta.

12.2.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li f'dan ir-rigward kienet intbgħatet *reminder* u tiskuża ruħha li bi żvista dan il-punt kien inqabeż mill-minuti.

12.2.4 Għaldaqstant wara proposta mill-Kunsillier John Luke Cassar, li kienet issekondata mis-Sindku Terence Agius dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 12.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 11 (B'Urġenza)

12.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 11 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mill-Kunsillier Cody Galea, li kienet issekondata mis-Sindku Terence Agius dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 12.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

12.4.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li kien hemm persuna li talbet biex tagħmel riklam fis-*central strip* ta' ħdejn il-mina.

12.4.1.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u qablu li meta tgħaddi s-sitwazzjoni preżenti fil-pajjiż, il-Kunsillier John Luke Cassar u l-Kunsillier Cody Galea ser ikunu qed ifasslu pjan fejn l-aħjar isiru t-tabelli għar-reklami, liema pjan jerġa' jiġi diskuss fil-Kunsill għall-approvazzjoni.

12.4.1.2 It-talba ta' din il-persuna ser tkun qed tinżamm *on hold* sakemm jiġi approvat dan il-pjan.

12.4.2 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien ġab kwotazzjoni għal xogħol ta' aluminium biex jiġu rranġati xi aperturi, għatu tal-ġiebja u bank għall-pompa tal-ilma.

12.4.2.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-kwotazzjoni u qablu li dan ix-xogħol isir skont din il-kwotazzjoni.

12.4.2.2 Għaldaqstant, is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex tiġi approvata l-kwotazzjoni għal xogħol ta' *aluminium*, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

12.4.3 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva talba mingħand l-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi biex issir laqgħa mal-membri tal-Kunsill.

12.4.3.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv iżżomm nota biex meta tgħaddi l-pandemija tal-Covid-19 isir appuntament mal-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi.

12.4.4 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li rċieva talba mingħand l-Onorevoli Ministru Owen Bonnici biex issir laqgħa mal-membri tal-Kunsill.

12.4.4.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv iżżomm nota biex meta tgħaddi l-pandemija tal-Covid-19 isir appuntament mal-Onorevoli Ministru Owen Bonnici.

12.4.5 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li kien hemm bżonn tittieħed deċiżjoni dwar l-attività Irkottafest 2020.

12.4.5.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u qablu li minħabba s-sitwazzjoni li qegħdin fiha bħalissa u għall-ġid ta' kulħadd, l-aħjar deċiżjoni tkun li din l-attività ma ssirx.

12.4.5.2 Il-Kunsilliera ddiskutew ukoll il-ħsieb li l-Kunsill jitlob lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex il-fondi li kien hemm allokati għal din l-attività jintużaw għal xi attività oħra li tiġi organizzata wara li tgħaddi din il-pandemija.

12.4.6 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li kif kien ġie maqbul permezz tal-*emails*, il-Kunsill kien bgħat ittra ta' kondoljanzi lil bint il-persuna li kienet ħalliet din id-dinja fi traġedja fejn sfronda bini f'Santa Venera.

12.4.7 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa ma rappreżentanta tal-WasteServ rigward diversi punti. Fosthom ġew diskussi il-kontijiet pendenti li WasteServ għandu mal-Kunsill u rigward aktar infurzar dwar l-iskart.

12.4.8 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* rigward iċ-ċaqliq tal-*bus stop* fi Triq ir-Ramlija minħabba li qed tostakola il-ħruġ minn Triq Danny Cremona.

12.4.8.1 Is-Sindku qal li jidher li min wieġeb l-email ma kienx fehem eżatt x'kien qed jitlob il-Kunsill u għaldaqstant talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex terġa' tinfurmahom li din il-*bus stop* hemm bżonn tiċċaqlaq għax Triq Danny Cremona hija triq li tintuża ħafna u l-istess fil-każ ta' Sqaq ir-Ramlija.

12.4.8.2 Il-Kunsilliera qablu wkoll li ninfurmawhom li din il-bus stop trid tersaq 'il fuq, b'tali mod li jinqabeż Sqaq ir-Ramlija u jitħalla tul ta Xarabank. Importanti li tinġibed l-attenzjoni li meta jkun ser isir xogħol fil-lokalità, l-Kunsill għandu jkun infurmat u mhux jerġa' jsir bħal ma ġara, għax kieku l-Kunsill kien infurmat ma kienx ikun hemm din il-problema. Wara kollox il-Kunsill qiegħed hemm biex jiġi kkonsultat u mhux injorat.

12.4.8.3 F'dan il-punt il-Kunsillier Cody Galea qal li jħossu ddiżapuntat ferm li fil-jiem li għaddew kien deher *post* fuq il-midja soċjali fejn kumitat partikolari kien qal li hu kien ħadem biex issir din il-*bus stop*. Hu kompla jgħid li f'dan il-*post* kien hemm imniżżel li l-Kunsill kien kontra li dan il-bus stop isir, meta fil-fatt dan ma kien vera xejn għax il-Kunsill kien bagħat diversi *emails* fuq dan ir-rigward.

12.4.8.4 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri wkoll xtaq jikkrafika li hu dejjem qabel li jsiru dawn il-*bus stops* u qatt ma kien kontra. Hu ma jsibx problema li entitajiet jgħinu biex isir xogħol fir-raħal, iżda l-Kunsill għandu jkun infurmat b'dak li jkun ser isir fir-raħal.

12.4.8.5 Il-Kunsillier John Luke Cassar staqsa jekk hemmx xi problema ma' Transport Malta u jekk dan huwa minnu ikun aktar għaqli li meta tintbgħat korrispondenza, l-Kunsill jibda jikkopja lill-Ministru Ian Borg. Hu kompla jgħid li mhux sew li ssir din it-tip ta' ħsara lill-Kunsill.

12.4.8.6 Is-Sindku Terence Agius qal li ser ikun qed jiċċekkja dan kollu u jirraporta din l-informazzjoni lill-entita konċernata.

12.4.9 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li minn naħa tal-Life Long Learning kienu talbuna biex nibdlu l-applikazzjoni għall-korsijiet 2020/2021 u minflok l-Ganuttell nagħżlu suġġett ieħor minħabba li dan diġà isir fl-irħula viċin.

12.4.9.1 Il-Kunsilliera ddiksutew dan u ġie deċiż li l-applikazzjoni tinbidel u ssir għal *Creative Knitting Course*. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

12.4.9.2 Il-Kunsilliera talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex meta joħorġu l-applikazzjonijiet minn naħa tal-Life Long Learning, il-Kunsill jagħmel ukoll promozzjoni dwar dan il-kors fuq il-midja soċjali.

12.4.10 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti rigward il-problema bid-dawl ta' Pjazza Żerniq. Is-Sindku qal li l-persuna li ġiet tiċċekkja s-sistema kienet bagħtet stima lill-Kunsill biex isir *testing*, *assessment* ta' kif inhi s-sitwazzjoni preżenti u pjan tax-xogħol li hemm bżonn isir biex id-dawl ta' Pjazza Żerniq jiġi rranġat.

12.4.10.1 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa dwar il-*poles* tad-dawl li hemm bħalissa u li kienu qed jiġu vvandalizzati kull darba.

12.4.10.2 Is-Sindku qal li l-istima biex dawn isiru bil-ħadid kienet ġejja għolja ħafna u għaldaqstant ser jippruvaw jaraw jistgħux isiru bil-konkos. Is-Sindku kompla jgħid li l-aħjar li mod li nimxu bih huwa li l-ewwel isir dan l-*assessment* u nimxu minn hemm.

12.4.10.3 Għaldaqstant, is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex tiġi approvata l-kwotazzjoni biex isir *testing*, *assessment* ta' kif inhi s-sitwazzjoni preżenti u pjan tax-xogħol li hemm bżonn isir biex id-dawl ta' Pjazza Żerniq jiġi rranġat, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

12.4.11 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti dwar ċaqliq ta' *road markings* fi Triq Nardu Ellul, minħabba li infetaħ xi garaxx ġdid. Kien hemm qbil li tiġi rranġata biss il-kaxxa li hemm problema fuqha u dan billi titgħatta bl-iswed.

12.4.12 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti rigward l-istima biex jiġu rranġati u mibnija mill-ġdid it-toqob li jintużaw għan-nar tal-art fil-festi tar-raħal.

12.4.12.1 Is-Sindku qal li l-prezz biex isir dan ix-xogħol huwa għoli u hemm bżonn li jinġabru aktar stimi. Hu kompla jgħid li l-għaqdiet tal-festi jridu jkunu responsabbli minnhom.

12.4.12.2 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li jekk il-Kunsill ser jirranġa dawn it-toqob l-għaqdiet tal-festi jridu jiffirmaw kuntratt mal-Kunsill li ser jerfgħu ir-responsabilità ta' dawn it-toqob għal 10 snin, u f'dawn l-10 snin ma jista' jsir l-ebda tibdil.

12.4.12.3 Il-Kunsillier John Luke Cassar kompla jgħid li min ser jagħmel ix-xogħol fuq dawn it-toqob għandu jagħti garanzija lill-Kunsill fuq ix-xogħol li ser isir biex inkunu assigurati li sar xogħol sew għax l-ispiża hija waħda kbira.

12.4.13 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti rigward l-ittra li l-Kunsill kien irċieva mingħand l-Għaqda Mużikali San Leonardu rigward l-attività *'80s & 90s Music Festival'* fejn intalbet in-*no objection* tal-Kunsill.

12.4.13.1 Apparti hekk il-Kunsill kien irċieva wkoll ittra mingħand Avukat, f'isem diversi residenti, fejn kienet qed issir oġġezzjoni biex l-attività *'80s & 90s Music Festival'* ma jsirx.

12.4.13.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Għaqda kienet infurmat lill-Kunsill li minħabba l-pandemija tal-Covid-19 aktarx li din l-attività tiġi posposta għal data oħra.

12.4.13.3 Is-Sindku kompla jgħid li kif kien diskuss qabel, il-Kunsill kien ħa parir tal-Avukat dwar jekk il-Kunsill huwiex l-entita li għandha toħroġ xi tip ta' permess jew *no objection* f'każ ta' attivitajiet ta' din ix-xorta. Dan il-parir jirriżulta li tali permessi jaqgħu taħt id-deskrizzjoni assoluta tal-Kummissarju tal-Pulizija u għaldaqstant il-Kunsill ma kellux għalfejn joħroġ permess jew *no objection* għal din l-attività.

12.4.13.4 Kien hemm qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti li l-Kunsill jinforma lill-Għaqda Mużikali San Leonardu b'dan u l-Avukat tal-Kunsill jirrispondi wkoll lill-Avukat tar-residenti.

12.4.14 Is-Sindku Terence Agius talab feedback lill-Viċi Sindku Joseph Schembri u lill-Kunsillier John Luke Cassar dwar is-*site meeting* li kien sar mal-Perit tal-Kunsill fir-rigward tal-problema tal-*isleeping police* fi Triq il-Lewżiet.

12.4.14.1 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri qal li jidher li l-humped zebra crossing hija tajba u jekk jitneħħa s-saff ta' fuq li huwa wiesa' daqs iz-zebra crossing, din il-hump tkun saret għalxejn.

12.4.14.2 Is-Sindku Terence Agius qal li ser ikun qed jiċċekkja biex naraw li l-Kunsill ikun qiegħed jimxi skont il-*guidelines*.

12.4.15 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-kuntratt tad-*Data Protection Officer* kien ser jiskadi fl-aħħar ta' Marzu 2020. Is-Sindku kompla jgħid li l-Kunsill kien talab stima għal dan ix-xogħol biex isir kuntratt ġdid għas-sena 2020/2021.

12.4.15.1 Peress li s-servizz tad-*Data Protection Officer* kien tajjeb, il-Kunsilliera preżenti qablu li jerġa' jsir kuntratt mal-istess kuntrattur, liema kuntratt jidħol fis-seħħ mill-1 ta' April, 2020.

12.4.15.2 Għaldaqstant, il-Kunsillier John Luke Cassar ressaq mozzjoni biex jiġi approvat kuntratt ġdid għal *Data Protection Officer* għall-perjodu mill-1 ta' April, 2020 sal-31 ta' Marzu, 2021, liema mozzjoni ġiet issekondata mis-Sindku Terence Agius, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

12.4.16 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li resident fi Triq l-Imdina għandu bżonn jagħmel mera tat-traffiku għall-użu personali u kien talab il-permess tal-Kunsill biex din tkun tista' ssir.

12.4.16.1 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din it-talba u qalu li ma jsibu l-ebda oġġezzjoni biex titwaħħal din il-mera tat-traffiku sakemm din ma tkunx qed toħloq inkonvenjent lil terzi.

12.4.16.2 Apparti hekk is-Sindku qal li l-isleeping police li hemm fi Triq l-Imdina hemm bżonn li tiġi rranġata minħabba li l-karozzi qed jgħaddu mill-ġenb tagħha u qed ikun hemm riskju kbir li jsir xi aċċident.

12.4.16.3 Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u qablu li din tiġi rranġata mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill.

12.4.17 Is-Sindku Terence Agius qal li kien iċċekkja rigward il-fondi tal-GAL Xlokk u r-risposta li kellu kienet li għalissa ma kienux jafu hux ser jiġu mġedda.

12.4.18 Minħabba li kien fadal punti importanti għad-diskussjoni, u peress li kienu għaddew it-tlett siegħat, il-Kunsillier John Luke Cassar ressaq mozzjoni biex il-ħin tal-laqgħa jiżdied, liema mozzjoni ġiet issekondata mis-Sindku Terence Agius, bi qbil mill-Kunsilliera kollha preżenti. Il-ħin f'dan l-istadju kien is-19:10hrs.

## 12.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

12.5.1 Il-Kunsillier John Luke Cassar staqsa dwar il-manutenzjoni tas-*soft areas* u ġonna pubbliċi. Hu qal li l-allokazzjoni li l-Kunsill ingħata għal dan ix-xogħol hija ta' €4806 u għaldaqstant hemm bżonn li ssir lista tax-xogħol li l-Kunsill għandu f'dan ir-rigward u naraw x'jistgħu joffrulna.

12.5.1.1 Is-Sindku Terence Agius qal li kien ser jiltaqa' ma xi kuntratturi biex jaraw ix-xogħol li hemm u jagħtu stima lill-Kunsill.

12.5.1.2 Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

12.5.2 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri staqsa dwar l-*observation area* fi Triq l-Industrija, fejn jaraw l-ajruplani.

12.5.2.1 Is-Sindku Terence Agius qal li l-Perit kien qed jagħmel il-pjanti għal din l-*observation area*.

12.5.3 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri staqsa wkoll dwar Triq ir-Ramlija, biex tiġi rranġata l-parti fejn hemm il-*water culvert*.

12.5.3.1 Is-Sindku Terence Agius qal li din il-parti qegħda mniżżla fil-lista ta' xogħlijiet li ser ikunu qed isiru minn Ambjent Malta.

12.5.4 Il-Kunsilliera Ritienne Caruana staqsiet dwar l-għajnuna lill-anzjani minħabba l-problema tal-Covid-19.

12.5.4.1 Is-Sindku talab lill-Kunsilliera John Luke Cassar jispjega x'kien ser isir biex jiġu mgħejjuna l-anzjani u dawk vulnerabbli.

12.5.4.2 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li l-Kunsill għandu grupp ta' voluntiera li ser ikunu qed jgħinu lill-Kunsill biex isiru xirjiet għall-anzjani u nies vulnerabbli u dawn jitwasslu fid-djar tagħhom, biex ma jkollhomx għalfejn joħorġu minn djarhom.

## 12.6 Rapport tal-Ilmenti

12.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ilmenti li daħlu matul dan ix-xahar, kif jidhru fir-rapport ta' l-ilmenti mibgħut lill-Kunsilliera kollha, ma kellhomx għalfejn jiġu mressqa għall-attenzjoni tal-Kunsill għax kienu lmenti li ħadet ħsiebhom l-amministrazzjoni.

## 12.7 Kuntratt għaċ-Ċentru għall-Anzjani *(Day Centre)*

12.7.1 Is-Sindku Terence Agius qal li l-Kunsill jaqbel ma kif kien irranġat il-kuntratt.

12.7.2 Il-Kunsill ser ikun qed jiċċekkja dwar fondi għat-trasport minn naħa tas-Segretarjat għall-Anzjani.

12.7.3 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u ġie deċiż li malli l-Kunsill ikollu risposta, l-kuntratt ikun jista' jiġi ffirmat.

## 12.8 Allokazzjoni Finanzjarja 2020

12.8.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li d-Direttur tal-Gvern Lokali kien approva s-somma ta €4342 bħala allokazzjoni finanzjarja għall-manutenzjoni u ftuħ tal-latrina pubblika.

12.8.2 Għaldaqstant il-Kunsilliera ser jiddiskutu fl-item 12.10 dwar il-ħruġ tas-sejħa għal ftuħ/għeluq u l-manutenzjoni tal-latrina pubblika. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

## 12.9 Skema 2 – Manutenzjoni fil-komun tal-appartamenti tal-Housing

12.9.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li wieħed mill-appartamenti fil-blokka huwa bil-kera u għaldaqstant diment li hemm persuna bil-kiri din l-iskema suppost li tiġi applikata. Is-Sindku qal li sa issa l-Awtorita' tad-Djar aċċettat biss li tħallas is-sehem tagħha għal-dan l-appartament.

12.9.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li l-Kunsill jieħu parir legali fuq il-fatti li għandna u jekk bihom il-Kunsill jistax iżomm lill-Awtorità responsabbli tal-informazzjoni ħażina li għaddewlna.

12.9.3 Kien hemm qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 12.10 Manutenzjoni u Ftuħ/Għeluq tal-Latrina Pubblika

12.10.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li kien hemm bżonn li tinħareġ sejħa pubblika għall-manutenzjoni u ftuħ/għeluq tal-latrina pubblika.

12.10.2 Il-Kunsilliera ddiskutew il-possibilità li tinħareġ sejħa pubblika permezz ta' avviż fuq il-midja soċjali biex kull min hu interessat jagħti kwotazzjoni lill-Kunsill.

12.10.3 Għaldaqstant il-Kunsill ser ikun qed jipprepara termini u rikjesti għal dan ix-xogħol, biex tkun tista' tinħareġ din l-offerta.

12.10.4 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u qablu li l-budget għal din l-offerta għandu jkun skont l-ammont allokat lill-Kunsill għaż-żamma tal-latrina. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

## 12.11 Data għal-Laqgħa Annwali tal-Lokalità – April 2020

12.11.1 Is-Sindku Terence Agius qal li bħalissa minħabba l-pandemija tal-Corona Virus, din il-laqgħa ma tistax issir.

12.11.2 Għaldaqstant il-Kunsill ser ikun qed jistenna biex jara x'direzzjoni ser tkun qed tittieħed f'dan ir-rigward minn naħa tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali u tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

## 12.12 Problema ta' Parkeġġ biswit il-Kulleġġ San Benedittu

12.12.1 Is-Sindku Terence Agius qal li dan l-item ser ikun qed jinżamm on hold biex din il-problema tiġi diskussa meta ssir il-laqgħa mal-Onorevoli Ministru Owen Bonnici.

12.12.2 Kien hemm qbil ma dan mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 12.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

12.13.1 Il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 100 kif annessa, ġiet imressqa quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

12.13.2 Il-Kunsillier John Luke Cassar ressaq mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 100 tiġi approvata, liema mozzjoni ġiet issekondata mis-Sindku Terence Agius, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 12.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

12.14.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

12.14.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa, 15 ta' April, 2020 fil-3.00 ta' wara nofsinhar.

12.14.3 Il-laqgħa ntemmet fis-19:55hrs.

*(iffirmati)*

Terence Agius
***Sindku***

Antonia Demicoli
***Segretarju Eżekuttiv***

**Data:** 15 ta' April, 2020

**Mozzjoni Ref:** 063/20/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-minuti ta' Seduta Nru. 10.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| John Luke Cassar | Terence Agius |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 18 ta' Marzu, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 064/20/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-minuti ta' Seduta Nru. 11 (B'Urġenza).

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Cody Galea | Terence Agius |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 18 ta' Marzu, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 065/20/9

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-kwotazzjoni għal xogħol ta' *aluminium.*

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Terence Agius | John Luke Cassar |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 18 ta' Marzu, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 066/20/9

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-kwotazzjoni biex isir *testing*, *assessment* ta' kif inhi s-sitwazzjoni preżenti u pjan tax-xogħol li hemm bżonn isir biex id-dawl ta' Pjazza Żerniq jiġi rranġat.

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| Terence Agius | John Luke Cassar |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 18 ta' Marzu, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

ĦAL KIRKOP

**Mozzjoni Ref:** 067/20/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġi approvat kuntratt ġdid għal *Data Protection Officer* għall-perjodu mill-1 ta' April, 2020 sal-31 ta' Marzu, 2021.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| John Luke Cassar | Terence Agius |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 18 ta' Marzu, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 068/20/9

**Mozzjoni:**

Biex il-ħin tal-laqgħa jiżdied peress li kienu għaddew it-tlett siegħat.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| John Luke Cassar | Terence Agius |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 18 ta' Marzu, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 069/20/9

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 100.

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| John Luke Cassar | Terence Agius |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 18 ta' Marzu, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**